16 ta' Mejju, 1953.

**Imħallef :—**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija** *versus* **Ganni Pirotta**

**Ċitazzjoni — Indikazzjoni Żbaljata tal-Post — Nullità.**

*Il-fatt li ċ-ċitazzjoni jkun fiha, f'materja kriminali, indikazzjoni skorretta tal-post fejn sar ir-reat ma jġibx għan-nullità taċ-ċitazzjoni, jekk l-imputat ikun fehem għal liema post u każ kienet qiegħda tirriferixxi l-imputazzjoni, u jkun iddefenda ruħu rigward il-post fejn effettivament kien sar ir-reat, u mhux rigward il-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni.*

Fuq l-imputazzjoni illi f'tas-Sliema, fit-30 ta' Novembru 1952, biegħ grogg doppju Wincarnis b'xelin u nofs, prezz ruħux xieraq, l-imputat, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-19 ta' Jannar 1953, ġie misjub ħati u kundannat għal multa ta' £3;

L-imputat appella;

L-ewwel aggravju, dedott mill-appellant, huwa dak li, mentri l-imputazzjoni tirriferixxi ruħha għal tas-Sliema, il-bar ta' l-appellant jinsab il-Gżira. Dan ir-rilјev, però, ma hux accettabili, għaliex quddiem l-Ewwel Qorti l-imputat iddefenda ruħu għar-rigward tal-bar tiegħu l-Gżira, u b'hekk

wera li fehem għal liema post u każ kienet qiegħda tirriferixxi l-imputazzjoni;

Fil-meritu;

Din il-Qorti ssib sewwa r-raġunamenti tal-Maġistrat fl-ewwel *istanza*..........;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas għaxart ijiem mil-lum.